MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru 659/2011

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Tonio Zampa

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 18465(M), akkuzat talli gewwa l-Istadium Nazzjonali li jinsab gewwa Ta' Qali, limiti ta' Attard:
1. kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied;
2. xewwex gemgha ta' nies illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu reat;
3. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abusiv;
4. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku

waqt li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi vjolenza jew theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu;
8. fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied;
9. irrenda ruhhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet huma marbuta ma' incidenti li graw fl-ahhar tal-loghba fl-istadium ta' Ta' Qali
bejn il-Belt u l-Floriana tat-22 ta' Mejju tal-2011. Fost l-imputazzjoniiet migjuba kontra l-imputat hemm: il-ksur tal-kwiet u l-bon ordni (kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9); li xewwex gemgha nies ta' aktar minn ghaxra sabiex jaghmlu reat (Artikolu 9 tal-Kap 68); li gab ruhhu b'mod abbusiv bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33

regolament 7; b'oltragg lejn membri tal-Pulizija (Artikolu 95 tal-Kap 9); b'attakk u resistenza kontra l-istess membri tal-Pulizija (Artikolu 96 tal-Kap 9); b' vjolenza u theddid kontra l-istess membri tal-korp (Artikolu 91 tal-Kap 9); b'nuqqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-istess Pulizija (kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9); u bir-recidiva.

Mill-provi jidher li proprju fl-ahhar mumenti tal-partita waqt li n-nies kienu qed jisfollaw gara xi incident li infurjat lis-supporters Beltin u bdew nizlin numru ta' 'seats' mill-livell aktar gholi ghal
fuq in-nies li kienu qrib li johorgu mill-'ground'. L-imputat kien fosthom. Hu spjega fix-xhieda tieghu illi ftit qabel l-ahhar tal-loghoba il-grada li tifred il-bqija tal-ambjenti tal-'ground' mill-'Enclosure' infethet u hu, bhal hafna ohrajn, ha dik id-direzzjoni ghal barra. F'mument minnhom inghata 'freekick' favur il-Floriana u hu ddettreggjata ftit lura. Hemmhekk bdew nizlin is-'seats' ghal fuqu u n-nies. Zied jghid li f'dan il-mument inqalghet konfuzjoni u hu kien wiehed minn dawk li weggghu. Ix-xhud innega li refa' idejh fuq xi membru tal-Pulizija u rinfaccjat b'diskors li allegatament qallhom hu sostna li ndirizza lis-supporters biex jersqu lura biex ma tikbirx il-konfuzjoni. Ix-xhud irrefera ghall-fatt li l-Pulizija (li kienu xi hamsa jew sitta) kienu kkoncentrati fuq in-naha t'isfel u n-nies bdew jipprotestaw minhabba f'hekk u li ma kienx hemm minnhom jikkontrollaw in-nies li kienu f'livell ghola. B'referenza ghar-ritratt esebit a folio 59 ix-xhud sostna li mhux hu l-persuna li tidher.

Miz-zewg kuntistabbli li xehdu Ps 1243 jghid li l-imputat imbuttah waqt li qal id-diskors "halliehom lin-nies tal-Belt", "halliehom f'idejna lin-nies tal-Belt". Stqarr li dak il-hin hu kien qed imexxi in-nies 'l barra. Kien car pero' li apparti l-imbuttatura l-imputat ma missux u lanqas xewwex lin-nies biex tinkiser il-ligi. Lanqas li f'xi hin l-imputat offendih. Garrab xi ugih b'daqqa ta' ponn li fiha ma kellu x'jaqsam assolutament xejn l-imputat. Qal li l-imbottatura kienet goffa izda la kellu ugigh u wisq anqas xi griehi minnhabba fiha. Ix-xhud gharaf lill-imputat fir-ritratt a folio 59 u jghid li kien dak il-mument meta gie imbuttat. L-istess jghid

PC1529 dwar jekk l-imputat xewwiex lin-nies biex tinkisser il-ligi. Min-naha tieghu dan ix-xhud wkoll jghid li gie imbuttat mill-imputat u anka hass xi daqqiet f'rasu li pero' nduna b'dan meta gie muri xi filmat tal-incidenti. Zied jghid li sofra griehi li baqghu ghal tlett gimghat izda eskluda l-imputat li kien hu responsabbli.

Apparti l-imputat d-difiza ipproduciet lil certu Aldo Spiteri li kien prezenti mal-imputat meta sehhew l-incidenti li stqarr li l-imputat kull ma rah jaghmel kien li ressaq in-nies u lis-'supporters' il-barra.

Fid-dawl ta' din ix-xhieda l-Qorti ma tarax li jissussitu l-ewwel jew ukoll it-tieni, t-tielet, r-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni. Jippermani xi dubbju dwar l-imputazzjoni numru sitta li hi ta' natura kontravenzjonali u dan sakemm u entro l-limitu li ma halliex jew fixkel lill-membri tal-Pulizija li jaghmlu d-dmirijiet taghhom u ndahal fl-istess dmirijiet. Dwar din l-imputazzjoni l-Qorti tistqarr li bl-agir tieghu, anke jekk ben intenzjonat, l-imputat indahal fid-dmirijiet tal-Pulizija.

B'hekk qed issibu hati ta' din l-imputazzjoni. Rat l-Artikolu 338(ee) u waqt li qieset ic-cirkostanzi li fih dan sehh tiddeciedi fuq l-iskorta tal-Artikolu 7 tac-citat Kap 9 tikkundannah ghal twiddiba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------